## 23 ta' April, 1965

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Joseph G. Coleiro

*versus*

Tabib Dottor Joseph Ellul ne.

## INDIKAZZJONI TAL-KWALITA TAL-PARTI — KORREZZJONI TAĊ-ĊITAZZJONI

*Xi drabi, in-nuqqas ta' l-indikazzjoni fiċ-ċitazzjoni tal-kwalita li biha persuna tkun investita bil liġi ma jimportax l-irritwalita u ma jatix lok għall-eċċezzjoni ta' l-illeġittimita tal-persuna. Iżda dan jiġri meta dak in-nuqqas ta' indikazzjoni ma jagħmel ebda differenza ta' sostanza. Meta inveċe jagħmel differenza ta' sostanza jekk parti tidhirx fi kwalita anzikke f'oħra, allura hu ċar li l-kwalita li fiha l-persuna taġixxi jew hi konvenuta, jeħtieġ li tiġi kjarament indikata.*

*F'dan il-każ il-Prim'Awla kienet ċaħdet it-talba biex issir il-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni fis-sens li l-konvenuti jiġu mharrka fil-kwalita tagħhom ta' kuraturi "de jure" ta l-eredita ġjaċenti ta' ommhom. Din il-korrezzjoni ma setgħetx issir fl-istadju ta' l-appell.*

*Il-Qorti f'dan il-każ annullat l-ewwel sentenza u rrinvjat l-atti lill Prim'Awla, biex wara li issir l-opportuna korrezzjoni tiġi deċiża mill-ġdid l-eċċezzjoni ta' l-appellant, jew il-kawża li titkompla skond il-liġi.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur — prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti opportuni — peress li l-attur u l-minuri Mariella u John aħwa Ellul, huma eredi tal-mejtin Chevalier John u ta' Josephine ġa miżżewġin Coleiro nofs l-attur u nofs il-konvenuti u peress li l-attur wara l-mewt ta' missieru Chevalier John Coleiro fuq istruzzjoni ta' ommu l-mejta Josephine Coleiro, effettwa minn flusu pagamenti li kienu dovuti mill-istess missieru u li kienu jilħqu s-somma ta' £656.8.10 skond kif jirriżulta aħjar mid-dokument markat Dok. "A" anness maċ-ċitazzjoni; u peress li l-istess attur ħallas ukoll fuq istruzzjoni ta' ommu l-ispejjeż funerarji ta' missieru u ħallas akkont tiegħu u ta' oħtu l-mejta Mary Ellul li allura kienet ħajja, l-ispejjeż funerarji ta' Josephine Coleiro u spejjeż oħra li saru dovuti wara l-mewt tal-istess Josephine Coleiro, li jammontaw għas-somma ta' £1043.2.6 kif dettaljati aħjar fid-dokument markat Dok. "B" anness maċ-ċitazzjoni u peress li l-attur wara l-mewt ta' missieru, issomministra lill-istess ommu diversi ammonti ta' flus u ħallas wkoll minn flusu diversi ammonti f'isimiha u akkont tagħha kif kien ġie mitlub minnha, liema ammonti jilħqu s-somma ta' £4999.11.3 kif jirriżultaw dettaljati aħjar fid-dokument markat Dok "C" anness maċ-ċitazzjoni, u peress li l-ammonti li kienu ġew somministrati u mħallsin matul il-ħajja ta' Josephine Coleiro kienu ġew minnha aċċettati u ppromettiet ir-rifużjoni tagħhom kif jirriżulta mid-dokument markat Dok. "D" anness maċ-ċitazzjoni, u peress li b'hekk l-attur jiġi li b'kollox issomminstra lil ommu Josephine Coleiro u ħallas fuq istruzzjoni tagħha u fl-interess tiegħu u tal-mejta oħtu Mary Ellul is-somma totali ta' £6699.2.7 li minnha nofsha jew aħjar £3349.11..3 hija dovuti mill-konvenut nomine li nterpellat uffiċjalment biex iħallas din is-somma rrifjuta li jagħmel hekk — talab

li l-konvenut nomine għar-raġunijiet premessi jiġi kundannat li jħallas lill-attur is-somma ta' £3349.11.3 lilu dovuta bħala sehem il-minuri Mariella u John aħwa Ellul, mis-somministrazzjonijiet magħmula mill-attur lil Josephine Coleiro u pagamenti effettwati minnu fuq istruzzjonijiet tagħha u ammessi minnha, kif ukoll sehemhom minn pagamenti oħra effettwati mill-attur f'ismu u f'isem Mary Ellul, omm il-minuri, waqt li din kienet għadha ħajja, u dan kif fuq aħjar spjegat u dettaljat fid-dokumenti markati Dokti. "A", "B", "C", "D" annessi maċ-ċitazzjoni, bl-imgħaxijiet mid-data tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Ottubru, 1961, u blispejjeż inklusi dawk tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Ottubru, 1961 kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha jgħid illi ċ-ċitazzjoni hi magħmula ħażin, għaliex kellha tintalab il-likwidazzjoni u diviżjoni tal-ereditajiet ta' l-awturi, tal-kontindenti, u għalhekk jitlob li jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut nomine li qal li l-minuri minnu rappreżentati għadhom ma aċċettawx l-eredita tal-mejta ommhom, u għalhekk l-attur m'għandux azzjoni kontra tagħhom, u t-talba għandha tiġi respinta;

Rat ir-rikors tal-attur tat-28 ta' Mejju, 1962, u d-digriet tad-29 ta' Mejju, 1962, biex jiġu nominati kuraturi biex jirrappreżentaw f'dina l-kawża l-wirt battal ta' Mary Ellul, nee Coleiro.

Rat il-verbal tad-9 ta' Ġunju, 1964, fejn l-attur in vista tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell tal-24 ta' April, 1964, fil-kawża fl-ismijiet invertiti talab li a tenur ta' dik

is-sentenza ssir korrezzjoni fl-okkju tal-kawża fis-sens li l-konvenut Dr. Joseph Ellul jidher bħala leġittimu rappresentant ta' uliedu minuri Mariella u John bħala "kuraturi de jure" tal-wirt ta' ommhom Mary Ellul;

Rat il-verbal tal-14 ta' Ottubru, 1964, fejn l-Avukati tal-kontendenti qablu li l-minuri aħwa Ellul għadhom ma aċċettawx l-eredita ta' ommhom bil-benefiċċju tal-inventarju.

Rat *is-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tas-17 ta'* Novembru, 1964 li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-karenza ta' l-azzjoni sollevata mill-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu, wara li kkunsidrat:—

Li l-konvenut nomine bl-eċċezzjoni mogħtija ulterjorment (fol: 34) irid isostni li billi l-minuri aħwa Ellul, għad*hom ma aċċettawx l-eredita tal-mejta ommhom Mary* Ellul l-attur m'għandux azzjoni kontra tagħhom.

Ikkunsidrat:

Li l-attur ħarrek lil Dottor Joseph Ellul, bħala leġittimu rappreżentant ta' uliedu minuri Mariella u John Ellul, *fil-kwalita tagħhom ta' eredi bil-benefiċċju tal-inventarju* ta' ommhom.

Li bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq ċitata, ġie deċiż li proprjament m'għandhiex tiġi konvenuta l-eredita ġjaċenti ta' Mary Ellul, imħabba l-fatt li l-minuri uliedha għadhom ma aċċettawx il-wirt tagħha bil-benefiċċju talinventarju, għaliex ir-rappreżentanza ta' eredita mill-minuri bħala kuraturi tal-eredita kienet, skond il-liġi (art. 927 Kod. Civ.), tmiss lilhom bi dritt, sakemm huma stess ma

jiddeklinawhiex billi jibqgħu kontumaċi għaċ-ċitazzjoni.

Li rriżulta li l-imsemmija minuri ma baqgħux kontumaċi u qiegħdin jikkontestaw il-kawża fil-persuna ta' missierhom bħala leġittimu rappreżentant tagħhom u għalhekk il-wirt ta' Mary Ellul f'dana l-ġudizzju jinsab rappreżentat mill-imsemmija uliedha minuri bħala kuraturi "de jure", u dana għaż-żmien kollu previst mill-artikolu 928 tal-Kodiċi Ċivili.

Li, fl-istess sentenza l-Qorti tal-Appell, irrilevat fuq l-awtorita tal-Pacifici-Mazzoni, li l-minuri matul iż-żmien lilu mogħti biex jagħmel l-inventarju, għandu jidher fil-kwalita ta' kuratur "de jure" tal-eredita, "nella persona del suo legale rappresentante" (Kod. Civ. Ital. Ed. 1876 Vol. V, p. 13); u l-istess Qorti kkonkludiet li mhix fakolta għatterzi li jridu jaġixxu kontra l-eredita, jew anke għall-Qorti fis-sens li huma jistgħu jinjorawh jew jinnominaw kontradittur jew kuratur ieħor ħlief fil-każ kontemplat fl-istess artikolu ċioe illi huwa ma jidherx.

Ikkunsidrat:

Li la darba skond il-liġi, il-minuri huma l-"kuraturi de jure" tal-wirt ta' ommhom u jinsabu ċitati u kkontestaw il-kawża, ma jistax jingħad li l-attur m'għandux azzjoni kontra tagħhom, bil-fatt biss li huma ċitati fil-kwalita ta' eredi benefiċjarji. Infatti l-eredi benefiċjarju, jirrappreżenta l-wirt, iżda billi fil-każ in esami, irriżulta li l-minuri għad m'għandhomx dik il-kwalita jibqa dejjem li fil-persuna tagħhom huwa rappreżentat, bħala kuraturi "de jure" il-wirt konvenut u l-ġudizzju jista jingħad li huwa regolarment istitwit, għaliex, komunkwe, l-eredita ta' Mary Ellul jinsab rappresentata mis-suċċessibbli tagħha, li dehrilhom

li jeserċitaw dana d-dritt mogħti lilhom mil-liġi.

Ikkunsidrat:

Li l-imsemmija minuri huma rappresentati fil-ġudizzju minn missierhom bħala leġittimu rappreżentant tagħhom. Dwar dina r-rappreżentanza ma ġiet sollevata ebda eċċezzjoni, u għalhekk il-Qorti "rebus sic stantibus", għandha tippresumi li l-konvenut Dottor Joseph Ellul jirrivesti legalment dina l-kapaċita.

Li inoltre, dana l-aħħar il-Qrati tagħna stabilew prinċipju li n-nuqqas ta' indikazzjoni fil-persuna tal-kwalita li biha tinsab investita bil-liġi mhix talment essenzjali li timporta l-illeġittimita tal-persuna jew l-irritwalita tal-azzjoni (Sent. App. "Innocenzo Debattista et vs. Giovanni Farrugia" deċiża fit-13 ta' Frar, 1959). Issa l-minuri ġew konvenuti bħala eredi benefiċjarji ta' ommhom, anqas dina l-kwalifika ma kienet meħtieġa għaliex l-ulied minuri, skond l-artikolu fuq ċitat, għandhom ir-rappreżentanza tal-wirt ta' ommhom bħala kuraturi "de jure"; u għalhekk kien ikun suffiċjenti għall-validita ta' dina l-azzjoni li tiġi istitwita biss kontra l-missier, bħala leġittimu rappreżentant tal-istess minuri; u dana billi r-rappreżentanza f'dika l-kwalita hija attribut inerenti fl-istess minuri, b'mod li meta dawn jidhru fil-kawża huma qiegħdin jirrappreżentaw l-interess li skond il-liġi huma imsejħin iħarsu u jippromwovu (v. Sent. P.A. "Emmanuele Axiaq vs. Benjamin Bonnici" deċiża fit-13 ta' Mejju, 1964).

Li, għalhekk it-talba tal-attur għall-korrezzjoni tal-att taċ-ċitazzjoni fis-sens, li wara isem il-minuri jiżdiedu l-kliem "kuraturi de jure" tal-wirt ta' ommhom Mary Ellul ma jixirqiliex li tiġi esawdita, għaliex aġġunta simili hija superfluwa.

Rat in-nota li biha l-konvenut appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi riformata fissens li tiġi konfermata fejn iddeċidiet li t-talba għall-korrezzjoni magħmula mill-attur ma għandhix tiġi eżawdita u tiġi revokata fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-karenza talazzjoni u hekk tiġi akkolta t-talba għal-liberazzjoni tal-konvenut mid-domandi kontenuti fiċ-ċitazzjoni u tiġi revokata wkoll fejn akkolat l-ispejjeż lilu u jiġi minflok kundannat l-attur biex iħallas l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni w ikkunsidrat:

L-ilment ta' l-appellant kontra s-sentenza appellata huwa illi dik is-sentenza tippreġudika serjament l-interessi tal-minuri rappreżentati minnu mħabba d-dispost ta' l-artikolu 892 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jgħid illi "dak li b'sentenza ta' Qorti kompetenti, jiġi ddikjarat werriet, jew ikkundannat espressament f'dik il-kwalita hu magħdud werriet quddiem il-legatarji u l-kredituri kollha ta' dak il-wirt." Jekk — igħid l-appellant — il-kawża tibqa miexja kontra l-minuri kif ċitati u tiġi deċiża fil-meritu, jiġu skond dak l-artikolu illi l-minuri jitqiesu werrieta quddiem il-legatarji u l-kredituri kollha tal-wirt ta' Mary Ellul u dana meta "ex admissis" huma għadhom ma aċċettawx il-wirt. L-ewwel Onorabbli Qorti evidentement interpretat ħażin is-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-24 ta' April, 1964, u peress li fl-istess ħin li ċaħdet l-eċċezzjoni tiegħu, ċaħdet ukoll it-talba għall-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni magħmula mill-appellat, il-minuri ġew imqiegħdin f'posizzjoni assurda. Dan hu għaliex — jissokta jgħid l-appellant — hemm differenza

enormi bejn eredita ġjaċenti in eredi benefiċjarji u l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tikkunsidrahom ekwipollanti.

Jidher li hu veru, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi l-ewwel Onorabbli Qorti iffrajintendiet is-sentenza ta' l-24 ta' April, 1964. Dak li kien ġara hu dan. Meta f'din il-kawża rriżulta illi t-tfal minuri rappreżentati mill-appellant kien għad ma aċċettawx l-eredita ta' ommhom Mary Ellul bil-benefiċċju ta' l-inventarju, kien ċar illi l-kawża ma setgħetx timxi kontra l-minuri **kif kienu ċitati,** ċioe "**bħala eredi bil-benefiċċju** *ta' l-inventarju ta' ommhom u (ovvjament in kwantu* tali) indirettament eredi tax-Chevalier John Coleiro u Josephine Coleiro nanniet tagħhom", u għalhekk, u biex jilqa ruħu mill-eċċezzjoni ta' l-appellant, l-appellat għamel rikors fejn talab li jiġu **nominati kuraturi** biex jirrappreżentaw *l-eredita ġjaċenti* ta' *Mary Ellul f'din* il-kawża u fl-atti l-oħra kollha relativi u sussegwenti.

L-ewwel Onorabbli Qorti (allura diversament presjeduta) fuq dak ir-rikors ta' l-appellat, kienet ordnat l-ispediżzjoni tal-bandi għan-nomina ta' dawk il-kuraturi. L-appellat, wara li talab ir-revoka "contrario imperio" ta' dak id-digriet biex tiġi deċiża l-eċċezzjoni tiegħu u dik it-talba tiegħu ġiet miċħuda, impunja l-istess digriet b'azzjoni separata li ġiet eventwalment deċiża bl-*imsemmija sentenza ta'* din il-Qorti ta' l-24 ta' April, 1964.

Rigward dik is-sentenza, fil-konsiderandi tas-sentenza issa appellata jingħad illi biha "**ġie deċiż illi proprjament m'għandiex tiġi konvenuta l-eredita ġjaċenti ta' Mary Ellul minħabba l-fatt illi l-minuri għadhom ma aċċettawx il-wirt tagħha bil-benefiċċju ta' l-inventarju,** għaliex ir-rappreżentanza ta' l-eredita ġjaċenti mill-minuri bħala kuraturi ta' l-eredita kienet skond il-liġi (art. 927 Kod. Ċiv.) tmiss lil-

hom bi dritt, sakemm huma stess ma jiddeklinawhiex billi jibqgħu kontumaċi."

Fil-verità, l-ewwel parti ta' dan il-konsiderand ma tirriflettix korrettament dak li tassew ġie deċiż bis-sentenza ta' l-24 ta' April. Kif l-appellant irrileva fil-petizzjoni, proprjament dak li ġie deċiż b'dik is-sentenza kien il-kuntrarju. Difatti, ġa-la-darba l-minuri kien għad ma aċċettawx l-eredita, kien evidenti illi messha ġiet ċitata l-eredita ġjaċenti: iżda — u dan kien il-punt direttament involut — biex jirrappreżentaw lil dak l-eredita ġjaċenti ma kienx hemm lok li jiġu nominati kuraturi mill-Qorti, ġa la darba r-rappreżentanza ta' dik l-eredita kienet tmiss b'liġi lill-istess minuri bħala kuraturi "de jure" tagħha, rappreżentata minn missierhom. Kwindi l-iżbal fiċ-ċitazzjoni konsistenti fil-fatt li l-minuri ġew ċitati bħala "eredi benefiċjati" ma setax jiġi rimedjat bin-nomina ta' kuraturi mill-Qorti biex jidħlu flokhom imma seta jiġi rimedjat billi l-kwalita li fiha ġew ċitati tiġi sostitwita, bl-opportuna korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni, b'dik tagħhom stess, kif rappreżentati, minn missierhom, ta' kuraturi 'de jure' ta' l-eredita ġjaċenti ta' ommhom. Iżda sa dak l-istadju, ċioe sa kemm ingħatat minn din il-Qorti s-sentenza ta' l-24 ta' April, 1964, ebda talba għall-korrezzjoni f'dak is-sens ma kienet għadha saret mill-appellat.

In segwitu, pero, għal dik is-sentenza t-talba għall-korrezzjoni saret kif kien ovvjament mistenni li kellha ssir, u kull ma kien neċessarju biex jiġi rimedjat id-difett kien li dik it-talba tiġi milqugħa billi jiġu kanċellati miċ-ċitazzjoni l-kliem "fil-kwalita tagħhom ta' eredi benefiċjati . . . nanniet tagħhom" u flokhom jiġu sostitwiti l-kliem "fil-kwalita tagħhom ta' kuraturi 'de jure' ta' l-eredita ġjaċenti ta' ommhom Mary Ellul".

Iżda sfortunatament, l-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha li dik it-talba għall-korrezzjoni "ma kienx jixraqilha li tiġi eżawdita għaliex aġġunta simili hija superfluwa".

S'intendi anki in vista ta' dak li din il-Qorti ġa qalet fl-imsemmija sentenza tagħha ta' l-24 ta' April, 1964, din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dik il-konklużjoni. Għalkemm il-minuri, bħala imsejħin għall-wirt ta' ommhom, jitqiesu bil-liġi fil-pendenza ta' l-aċċettazzjoni ta' dak il-wirt bl-inventarju, bħala kuraturi 'de jure' ta' dak il-wirt ġjaċenti u f'dik il-kwalita setgħu u messhom jiġu imħarkin f'din il-kawża biex iwieġbu għat-talba ta' l-appellat, il-fatt hu illi, f'din il-kawża, huma ma ġewx ċitati f'dik il-kwalita imma ġew ċitati bħala 'eredi benefiċjati', kwalita li huma għad m'għandhomx.

Hu veru dak li jingħad fis-sentenza appellata illi, xi drabi, in-nuqqas ta' l-indikazzjoni fiċ-ċitazzjoni tal-kwalita li biha persuna tkun investita bil-liġi ma jimportax l-irritwalita u ma jagħtix lok għall-eċċezzjoni ta' l-illeġittimita tal-persuna. Iżda dan jiġri meta (kif kien il-każ "Debattista vs. Farrugia" imsemmi fis-sentenza appellata) dak in-nuqqas ta' indikazzjoni ma jagħmel ebda differenza ta' sostanza. Meta, inveċe, jagħmel differenza ta' sostanza jekk parti tidhirx fi kwalita anzikke f'oħra, allura hu ċar illi l-kwalita li fiha l-persuna taġixxi jew hi konvenuta, jeħtieġ li tiġi kjarament indikata. Kwindi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dak li jingħad fis-sentenza appellata fis-sens illi, fil-każ presenti, "kien ikun suffiċjenti għall-validita ta' din l-azzjoni li tiġi istitwita kontra l-missier bħala leġittimu rappreżentant ta' l-istess minuri". Kieku sar hekk biss ma kienx ikun jista' jkun magħruf jekk il-minuri humiex qed jiġu ċitati f'isimhom proprju jew bħala eredi puri u sempliċi ta' ommhom — dak li huma m'humiex —, inkella bħala

eredi benefiċjati" — dak li lanqas għad ma huma, imkella bħala sempliċi "kuraturi de jure" ta' l-eredita ġjaċenti Bejn dawn it-tliet diversi kwalitajiet hemm, ma għandniex xi ngħidu, differenza ta' sostanza u għalhekk hu essenzjali li dik l-aħħar kwalita, li fil-każ preżenti hi l-unika applikabbli, tiġi indikata.

Kif ġà ntqal, din in-neċessita kienet tidher ġa mill-imġemmija sentenza ta' l-24 ta' April, 1964, fejn ġie rilevat, fuq l-awtorita tad-dottrina u l-ġurisprudenza taljana, illi din il-kawża "ma setgħetx tipproċedi jew tirnexxi fil-kontestazzjoni (tal-minuri) fil-kwalita li fiha jinsabu ċitati" u li, skond dik id-dottrina u ġurisprudenza, "il-konsegwenza ta' dan l-iżbal (jekk ma jiġix rimedjat) hija l-irritwalita tal-kawża." F'dik is-sentenza għap-propożitu ta' dan, saret riferenza għal dak li jgħid il-Pacifici Mazzoni fis-sens illi "sarebbe illegittima la domanda personalmente proposta contro (i minori): Percio sarebbe legalmente dichiarato dal giudice non fossi luogo a deliberare sopra domanda diretta contro gli eredi del debitore in tal nome anzicche come curatori della medisima": u għal dak ukoll li jingħad fil-Fadda (art. 964 §12 u oħrajn) fis-sens illi "l-erede minore di eta pendente il termine concesso per fare l-inventario, non puo essere azionato in giudizio in persona del suo legittimo rapresentante se non quale curatore dell'eredita ed illegale sarebbe l'istanza promossa personalmente contro di lui quale beneficiato".

Intant il-korrezzjoni s'issa għad ma saritx, u, għal raġunijiet ovvji, ma tistax tiġi ordnata jew awtorizzata minn din il-Qorti f'dan l-appell.

Iżda, għall-finijiet tad-deċiżjoni ta' dan l-appell, hu importanti li din il-Qorti żżomm quddiem għajnejha il-motiv

li minħabba fih dik il-korrezzjoni ma ġietx awtorizzata. Dan il-motiv kien sempliċement dak illi l-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha illi s-sostituzzjoni tal-kwalita tal-minuri indikata fiċ-ċitazzjoni b'dik ta' kuraturi 'de jure' ta' l-eredita ġjaċenti "hija superfluwa". Fil-fehma tal-Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, dan il-motiv hu żbaljat: iżda, fl-istess ħin, iservi biex jispjega, id-deċiżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti fuq il-meritu ta' l-eċċezzjoni ta' l-appellant.

Dik l-eċċezzjoni kienet illi, billi l-minuri għad ma aċċettawx l-eredita ta' ommhom, l-appellat ma kellux azzjoni kontra tagħhom. Kieku wieħed kellu joqgħod fuq iċ-ċitazzjoni kif ġiet preżentata u, kif għadha sa issa mingħajr il-korrezzjoni, dik l-eċċezzjoni ta' l-appellant kien ikollha fil-fehma ta' din il-Qorti, tiġi akkolta. Difatti l-Qorti taħseb li hu evidenti, anki mill-awtoritajiet riportati hawn fuq missentenza ta' l-24 ta' April, 1964, illi l-appellat ma għandux azzjoni kontra l-minuri bħala eredi benefiċjati ta' ommhom una volta li huma għad ma għandhomx dik il-kwalita. Kieku l-kawża kellha titkompla fil-meritu biċ-ċitazzjoni kif inhi, il-minuri ma jistgħux jiġu kkundannati kif inhuma ċitati.

Imma, l-ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-appellant u, mill-korp tas-sentenza appellata, jidher illi dan għamlitu għaliex irraġunat illi, nonostanti li ċ-ċitazzjoni tibqa kif inhi, il-minuri xorta waħda għandhom jitqiesu, għall-finijiet tal-kawża, bħala li qiegħdin jirrappreżentaw l-eredita ġjaċenti ta' ommhom bħala kuraturi 'de jure' tagħha.

B'dan il-mod iż-żewġ partijiet tas-sentenza appellata ġew jikkontraddiċu waħda lill-oħra, għax, kif irrileva l-appellant, l-ewwel Qorti ma setgħetx fl-istess ħin li ċaħdet it-

talba ta' l-appellat għall-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni, tiċħad ukoll l-eċċezzjoni ta' l-istess appellant.

Dan hu difett tas-sentenza appellata li fil-fehma tal-Qorti ma jistax jiġi rimedjat ħlief bl-annullament tagħha. Difatti din il-Qorti ma tistax tikkonferma dik is-sentenza, għaliex ma tistax tirritjeni illi, sa kemm iċ-ċitazzjoni tibqa kif inhi, il-kawża hi istitwita tajjeb jew li l-appellat għandu azzjoni kontra l-minuri kif ċitati. Ma tistax lanqas tirrevokaha, għaliex, suppost illi kien veru illi l-korrezzjoni mitluba mill-appellat kienet verament superfluwa għax il-minuri xorta waħda mingħajrha qed jirrappreżentaw il-wirt ġjaċenti, id-deċiżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti kienet tkun tajba. Ma tistax fl-aħħarnett tirriformaha għaliex din il-Qorti ma tistax f'dan l-appell tirrevoka l-parti tas-sentenza li ċaħdet it-talba għall-korrezzjoni u tordna hi stess din il-korrezzjoni, biex b'hekk tkun tista' tikkonferma d-deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni.

Peress illi, kif ġa ġie rilevat, l-unika raġuni mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti għaċ-ċaħda tat-talba għall-korrezzjoni kienet dik illi hi qieset dik il-korrezzjoni superfluwa, din il-Qorti tassumi — illi ma kien hemm ebda raġuni oħra għaliex dik il-korrezzjoni ma setgħetx tingħata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi fuq l-appell billi tannulla s-sentenza appellata u tordna li l-atti jiġu rinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti, biex issir l-opportuna korrezzjoni u jekk ikun il-każ, tiġi wara deċiża mill-ġdid l-eċċezzjoni ta' l-appellant jew il-kawża titkompla skond il-liġi.

L-ispejjeż jitħallsu ¼ mill-appellant u ¾ mill-appellat.